**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 147 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri, Spettur Lydon Zammit, Spettur Christina Delia)**

**Vs**

**Stephen Cassar**

**Gordon Cassar**

Illum, 23 ta' Marzu 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Stephen Cassar ta' hamsa u tletin sena, iben Joseph u Mary neè Falzon, imwieled Pietà nhar it-23 t' Awwissu, 1984, residenti gewwa 54, Joemar, Triq id-Drama, Qormi, u detentur tal Karta ta' l-Identità bin-numru 406184 (M) u fil-konfront ta' ommisses , akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Nhar is-7 ta' Dicembru, 2019, ghall-habta ta' 18:00 hrs gewwa Triq it Tabib J. Zammit, Balzan, ikkommettew serq ta' basket minn fuq il-persuna t' Antonia Galea, anzjana ta' wiehed u tmenin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ u bil hin ghad-dannu ta' l-istess Antonia Galea;

2. Nhar is 26 t' Ottubru 2019, ghall-habta ta' 20:45 hrs gewwa Triq Amery, Sliema, ikkomettew serq ta' basket ghad-detriment ta' Denise Schembri Wismayer, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu € u bil-hin ghad-dannu ta' l-istess Denise Schembri Wismayer;
3. Nhar it-22 ta' Dicembru, 2018, ghall-habta ta' 17:30 hrs, gewwa Triq il Karmnu, Birkirkara, ikkommettew serq ta' basket minn fuq il-persuna ta' Elena Sciberras, anzjana ta' erbgha u tmenin (84) sena, liema serq huwa kkwalifikat bil--hin, ghad-dannu ta' l-istess Elena Sciberras;
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendew ruhhom recedivi ai terminita' l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, il-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-persuni indikati fl-imputazzjonijiet;

Rat li l-imputat Stephen Cassar wiegeb li hu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu[1], liema ammissjoni giet minnu imtennija fis-7 ta' Jannar 2020[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2019 markati Dok. "A" sa' Dok. "L" a fol. 9 sa' 37 tal-process;

Rat li waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2019 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienx hemm Inkjesti li gew miftuha in konnessjoni mal-kazijiet li bihom qed jigu akkuzati l-imputati;

[1] Fol. 7 u 8 tal-proċess.
[2] Fol. 41 tal-proċess.

Rat li fuq talba tad-Difiza, b'Digriet moghti fid-9 ta' Dicembru 2019 l-Qorti ordnat li jsir *pre-sentencing report* fil-konfront ta' l- akkzuat Stephen Cassar ;

Rat li b' Nota tal-Probation Officer Joanna Farrugia giet nominata biex thejji l-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' l-imputat Stephen Cassar;

Rat li b' Digriet moghti fit-13 ta' Frar 2020, wara x-xhieda moghtija mill-Probation Joanna Farrugia waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2020, il-Qorti qieghdet lill-imputat taht *Temporary Supervision Order*;

Semghet ix-xhieda tal-Probation Officer Joanna Farrugia moghtija waqt is-seduti tat-13 ta' Frar 2020[3] u ta' l-10 ta' Marzu 2020[4] u rat il-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' Stephen Cassar minnha esebit bhala Dok. "JF" a fol. 72 sa' 87 tal-process;

Rat ir-Rapporti ulterjuri tal-Probation Officers Joanna Farrugia datati rispettivament 10 ta' Lulju 2020[5] u 13 ta' Lulju 2020[6];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-imputat Stephen Cassar fit-28 ta' Awwissu 2020 u rat ir-rapport tal-Probation Officer Joanna Farrugia prezentat fil-31 ta' Awwissu 2020;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 t' Awwissu, 2020, fejn il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 49, 257 D, 261 (c), (f), 267, 270, 279 (a), 280 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tenniet li sabet lill- imputat **Stephen Cassar** hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u ghaldaqstant ikkundannatu lil ghall-perijodu ta' sentejn (2) prigunerija effettiva.

---

[3] Fol. 70 u 70 tal-proċess.
[4] Fol. 94 u 95 tal-proċess.
[5] Fol. 101 u 102 tal-proċess.
[6] Fol. 100 tal-proċess.

Fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-*pre-sentencing reports* fil-konfront ta' l-imputat relattivament ghall-valur ta' dak misruq minghand Antonia Galea u Elena Sciberras, ta' iktar minn tmenin (80) sena, a tenur ta' l-Artikolu 257 D (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ordnat li l- imputat ghandu, *in solidum* ma huh Gordn Cassar l-ko akkuzat *u* bejniethom, jirrestitwixxu s-somma ta' mitejn Euro (€200) lil Antonia Galea u s-somma ta' (€70) lil Elena Sciberras. Dawn l-ammonti ghandhom jigu hekk restitwiti fi zmien massimu ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza. Din l-ordni ghar-restituzzjoni tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dejjem fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-*pre-sentencing reports* fil-konfront ta' l- imputat relattivament ghall-valur ta' dak misruq minghand Denise Schembri Wismayer, a tenur ta' l-Artikolu 15 A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill- imputat Stephen Cassar *in solidum* mal-ko akkuat huh Gordon Cassar, jirrestitwixxu s-somma ta' seba' mitt Euro (€700) lil Denise Schembri Wismayer. Dan l-ammont ghandu jigi hekk restitwit fi zmien massimu ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza. Din l-ordni ghar-restituzzjoni tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi mill-provi prodotti kjarament irrizulta li l-imputat ghandhom problema ta' abbuz ta' droga, a tenur ta' l-Artikolu 412 D tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti poggiet lill-imputa Stephen Cassar taht Ordni ta' Trattament, u dana ghall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taht il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament moghti dak in-nhar stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn dik is-sentenza moghti mill-ewwel Qorti. Tali Ordni gie mpost sabiex l-imputat jinghata it-trattament mehtieg u adattat biex tigi ndirizzata il-problema ta' abbuz ta' droga li huwa ghandu.

A tenur ta' l-Artikolu 412 D (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament mahrug fil-konfront tieghu kif ukoll ir-responsabilità taghhom f' kaz li ma jikkonformax ruhu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament mahrug fil-konfront

tieghu, u cioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twahhlu ammenda ta' mhux izjed minn elf mija erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Antonia Galea, Elena Sciberras u Denise Schembri Wismayer, rabtet lil imputat b'obbligazzjoni tieghu innfisu taht penali ta' mitt Euro (€100) ghall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri minn dak inhar li huwa jiskontaw il-piena karcerjarja hawn imposta fuqu u jigi rilaxxat b'mod definittiv mill-Facilità Korrettiva ta' Kordin. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat giet annessa ma' dik is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti avzat lill- imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab hati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tieghu, is-somma ta' mitt Euro (€100) li ghaliha obbligu ruhu tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

In fine l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kkundannat ghall-hlas ta' l-ispejjez in konnessjoni man-nomina ta' esperti a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu f'dawn il-proceduri ma gewx nominati esperti.

Il-Qorti ghamlet rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin sabiex kemm jista' jkun l-imputat ma jinzammx flimkien ma hu l-ko akkuzat Gordon Cassar stante li huma influwenza negattiva fuq xulxin u sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega u kull opportunità li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga li huwa ghandu.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordnijiet maghmula bis-sahha taghha fil-konfront ta' l-imputat tigi komunikata lid-Diretturi tal-Probation Services u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Stephen Cassar minnhu pprezentat fid-9 ta' Settembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha:

1. Tisma lill-medici kuranti tal-esponenti u lill-Probation Officer inkarigat minnhu u kull xhud iehor li dina l-Onorabbli Qorti tqis bhala necessarju u sussegwentement tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga kif dispost ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tvarja u tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi ta' nhar il-31 ta' Awissu 2020 fil-konfront ta' Stephen Cassar billi filwaqt li tikkonferma in kwantu fuq ammissjoni tieghu stess il-htija thassar il-parti tal-piena erogata u minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern u taghti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat illi l-appellant, Stephen Cassar hass ruhu aggravat minn din is-sentenza

Rat illi din is-sentenza ser tinghata in linea preliminari u cioe sabiex jigi deciz jekk ghandhiex tigi konvertita fi Qorti ta' Droga ai termini tal-**Artikolu 8 (1) tal-kap 537** tal-ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Ilinhar it-12 ta' Jannar 2021 xehdet l-Ufficjal tal Probation Joanne Farrugia li kkonfermat li ilha ssegwi lil Stephen Cassar minn Dicembru 2019 . Tghid li kienet intalbet tghamel pre sentencing report quddiem il-Magistrat Gabrielle Vella in konnssjoni ma din l-sitess kawza. Tghid li l-appellant Stephen Cassar kein tressaq il-Qorti taht arrest nhar id-9 ta' Dicembru 2019 u kien inghata l-bail fis-7 ta' Jannar 2020. Qalet li l-kuntant kien wiehed inkonsistenti u in olte tghid li hadet kampjun tal-wrina tal-appellant biex titestjah ghall-presenza ta' droga u dawn hargu posittiv ghall-presenza ta' Eroina u Kokaina . In oltre nhar it-13 ta' Frar, 2020 kient inharget Ordni ta' Supervizzjoni u dan bil-ghan li l-Qorit ikollha iktar zmien biex tasal ghall-gudizzju taghha billi ikollha f'idejha aktar rizultati ta' testijiet ohra. F'temp ta' xahar haditlu erba' testijiet ohra li kollha kellhom rizultat prosittiv ghall-presenza tad-droga Eroina u Kokaina. Bejn Marzu u Lulju kien inqata' l-kuntat minhabba l-pandemija u zammew kuntatt biss bit-telefon f'liema zmien kien qed ighidlha li kien 'clean'. Dan ma setghetx tivverifkah ghaliex ma setghetx tiltaqa' mieghu beix tohodlu t-testijiet.

F'Awwssi, 2020 regghet bdiet bit-tetijiet u l-eewl appuntament li tatu kien fl-4 ta' Awwissu, 2020 izda ma kienx mar u amr fit-28 ta' Awwissu 2020 u kein halla kampojun tal-awrina u dan gie tested u ta' rizulat posittiv ghall-presenza ta' Eroina u Kokaina. Tghid li l-appelalnt inghata is-sentenza tieghu fil-31 ta' Awwissu 2020 u hija baqghet issegwih.

Fit-3 ta' Settembru 2020 tghid li kein dahal Dar l-Inpenn izda ftit wara kien hareg u sppost kellu jibda l-process ghal programm pero kein hareg wara erbat ijiem kontra kul parir mediku li inghata.

Regghet baghtet ghalih fil-15 ta' Settembru, 2020 u rega taha kamjun tal awrina tieghu li ta' rizultat posittiv ghall-presenza tad-droga Eroina u Kokaina. Kien ippospona l-appuntament ghat-8 ta' Ottubru 2020 izda dakinhar kien ma jifalhx u ma marx. Fid-19 ta' Ottubru 2020 rgghet haditlu test iehor u dan rega ta' rizultat posittiv ghall-presenza ta' Eroina u kokaina. Hija imbaghad tatu appuntament iehor ghas-16 ta' Novembru 2020 izda dan gie pospost min naha taghha minhabba li id-dipartimetn kien fi kwarantina. Fil-15 ta' Dicembru, 2020 kellu imur izurha izda kein cemplilha u qallh ali kellu ugiegh fis-snien u i kellu jmur ghand id-dentist. Qaltlu li kien importanti imur ghaliex ma keinitx ser tkun tista tarah waqt il-perijodu festiv. Dan ma marx u lanqas ma ghamel kuntatt maghha imbagahd ma semghet xejn iktar minghandu. Ghalhekk dan l-agir tal-appellant Stephen Cssar ikkonfermalha li kellha ragun li tikteb fil-pre sentencing report taghha li huwa kellu bzonn piena ta' prigunerija b'Ordni ta' trattament Thoss li sabeix l-appelalnt iku nista jghamel programm irid ikun f'post konfinat ghax fuq barra ma jirnexxilux jibqa' 'clean'.

**Dr Joe Tonna** xehed nhar it-12 ta' Jannar, 2021 u spjega li huwa ilu jara lill-appellant Stephen Cassar mis-sena 2003 u dan gewwa id-Detox. Prattikament hlif f'certu cirkostanzi zghar meta kien il-habs, jew meta ipprova jghamel programm jew meta dahal dar l-Impenn.Jghid li kien fuq il-methadone u dan ghaleix ghandu *substance dependency problem* pirincipalment fuq l-eroina ghalkemm jabbuza ukoll mid-droga Kokaina. Kemm ilu jarah u cio emsi-ena 2010 kien ghamel il-programm tal-Oasi u kein kwazi spiccah kollu izda imbagahd jaf li kellu relapse tal eroina . Fis-ena 2019 ghamel zmien fl ASU li huwa speci ta' shelter temporanju gewwa is-Sedqa. Ricentement bdew

anke jahdmu fuqu beix isegwi il-Councillor tieghu Juan li jahdem maghhom. Ghamlu l-preparamenti kollha tant li anke irnexxilhom idahluh Dar l-Inpenn biex jghamel detoxification mill-methadone izda fil-process li jinghata l-agenda biex imur fil-progamm dan splitja. Il-pjan hu li jmur ghar rehabilitation, pero fil-present ghadu jiehu l methadone. Fl-ammont ta' 95.

Il-fatt li l-livel ta' methadone hu gholi hafna jimpedih milli jiba programm. L-ideja hi li jkomplu isegwuh bil-counseling halli jippreparawh ghall-programm. Jista jibda programm biss jekk il-livell tal-methadone jinzel ghal 50/60. Dan pero ma isehhx jekk ma jkunx hemm il-volja. L-iktar haga li jrid ikun hemm hija il-moitivazzjoni u f'dan il-kaz mhiex daqstant facli wara ghaxar snin ta' tehid u abbuz ta' droga. Spjega li fil-prezent ma jahdimx u l-fatt li jista jispicca gewwa b'din is-sentenza ma tghinux . Jghid li huw ajippreferi li kieku kellu jghamel il-programm.

**Juan Vella** rapprezentant tas-Sedqa xehed nhar id-19 ta' Jannar 2021 u kkonfemr ali l-appelant Stephen Cssar kellu kuntatt mas-ervizz taghhom lejn frar 2020 u kellu motivazzjoni indirizzata lejn il-programm. Fil-fatt zam mdin il-moitivazzzjoni tant li waslu biex jidhol il-program mlejn il-bidu ta' settembru wara li giet deciza din il-kawza mill-ewwel Qorti. Kien hemm misunderstanding u dan filf-att tfixkel meta wasal biex jidhol il-programm gahliex haseb li il-hmsitax-il xahar prigunerija li ingahta mill-ewwel Qorti haseb li kein ser jitlef il-programm. Qal li wara li spicca mill-programm huwa hadem fuq l-appellant u regghu waslu fi stadju li jerga jidba l-programm. Ghamlulu zewg referrals ohra jghamlu zewg sessions fil-gimgha u qed juri committment u issa waslu fazi fejn sjita jerga jidhol programm pero qabel ma jaghtuh dta iridu jkunu jafu x;ser isir minn din il-kawza.
Qal li huwa ra progress fl-appellant minn Frar, 2020 u minkejja li kien hemm il- COVID ma tilifx kuntatt maghhom kif ghamlu numru ta' klijenti ohra . Minkejja li hareg min dar l-Impenn zamm kuntatt regolari mieghu, icempillu u jirrispondi. Sessions mieghu dejjem mar u ghalhekk il-motivazzjoni tieghu qed tissahhah. Qal li fil-kaz tal-appellant hemm bzonn ta' certu containment biex jkun jista' jghamel l-programm u dan ghaliex minn barra ma jirnexxilux. Cio nonnostante pero motivazzjoni ghadha hemm.

Il-Qorti rat in-nota tal-appellant prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-5 ta' Frar, 2021 fejn indika lil Qorti l-piena applikazbbli ghal kul reat li jinsab akkuzat bih u dwar din in-nota ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni min naha tal Avukat Generali. Jirrizulta li l-piena applikabbli ghal kul reat ma jeccedix is-seba' ( 7) snin previst fl-artiklu 8 (2) tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-partijiet jittrattaw it-talba ghal konversjoni ghad- Drug Court nhar it-23 ta' Frar 2021.

Ikkunsidrat.

Illi l-Qorti dejjem ghamlet minm kollox sabiex tghin min vera ried jindirizza il-problema ta' droga u dan ghaliex tifhem li mhiex haga facli pero trid tkun konvinta li hemm ir-rieda tajba. Jidher li r-rikorrenti jixtieq jinghata ic-chance li jindirizza din il-problema bis-serjeta tant li ghamel din il-prezenti talba sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha fi Drug Court.

Jirrizulta li huwa veru li r-rikorrenti ghandu fedina penali reflettarja u ilu fil-hajja ta' kriminalita sa mis-sena 2010 u jirrizulta li gja kellu problemi relatati mat-tehid ta' droga fis-sena 2012 meta instab hati li kien fil-pusess tad-droga Eroina u Kokajina apparti li instab hati ta' reat ta' serq u talli kkaguna ferita ta' natura gravi kif jirrizulta minn esami tal-fedina penali tieghu esbita fl-atti tal-process a fol. 157 et seq. Li hu zgur hu li fis-sena 2012 ir-rikorrenti kellu l-ewwel conviction dwar pussess ta' droga Eroina u Kokaina ghalhekk l Qorti tispjega li din il-problema ta' tehid ta' droga ilha fuq l-appellanti ghal dawn l-ahhar hdax il-sena zgur.

Illi jidher li f'din l-ahhar sena r-rikorrenti ipprova izomm il-boghod mit-tehid tad-droga. Pero ma irnexxilux u dan ghaleix it-testijeit tal awrina li ttihdulu kollha taw rizultat posttiv ghal presenza ta' Kokajina U Eroina. Ghalhekk minkejja dak li jghid Juan Vella u Dr Joe Tonna din il-Qorti taqbel mal-ufficjcal tal probabtion li l-appellant ma hux qed juri bizzejjed determinazzjoni beix jindirizza biss-aerjeta din il-problema

Din il-Qorti tifhem li din il-Liġi u cioe l-kpaitolu 537 hija intiża, *inter alia*, sabiex min ikun dipendenti fuq id-drogi jkun jista' jsib struttura legali u fattwali li tgħinu jqum fuq saqajh grazzi għal qafas leġislattiv li jiffoka fuq l-aspett rijabilitattiv aktar milli dak retributtiv. Iżda il-Leġislatur ried li ċertu kategoriji ta' reati ma jkunux jikkwalifikaw għall-dawn il-miżuri speċjali. Fil-fatt l-artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi filtru li jħalli biss ċertu tipoloġiji ta' reati li jkunu jistgħu jissodisfaw għall-applikabbilita ta' dan l-Att. Jingħad hekk:-

Dan l-Att m'għandux japplika:

(a) fir-rigward ta' kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, ħlief reat li jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita, imwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ; jew

(b) fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikaw it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; jew

(ċ) fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva.

Mill-banda l-oħra l-**artikolu 8** tal-istess liġi jippreskrivi s-segwenti:-

(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'attkriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Skont l-artikolu 8, hemm żewġ kategoriji ta' reati li jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal din il-proċedura speċjali – A. Dawk ir-reati kommessi taħt il-Liġi li tirregola d-Droga; B. Ir-reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija.

Fiż-żewġt ipoteżi A u B hawn fuq imsemmija, l-artikolu 8 jeħtieġ ukoll li :

a. il-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) tiegħu jridu jkunu ġew sodisfatti u

b. il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', tqis li l-każ ikun jimmerita li hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Illi mis-suespost jidher li r-reati li bihom gie akkuzat l-appellant Stephen Cassar ghandhom piena li ma teccedix is-sebgha snin prigunerija (kif indikati min-ntoa prezentata minnu nhar il-5 ta' Frar 2021) u mhumiex reati kommessi kontra l-persuna (kif indikati fic-charges moghtija mill-prosekuzjzoni) pero ma hemmx cirkostanzi oggettivi li jindikaw li l-appellanti verament jixtieq ibiddel hajjtu u jibda it triq it-tajba. Dawn it-tlett fatturi imsemmija fis-sub artikolu (2) tal-artikolu 8 tal-kap 537 huma kumulattivi u ghalhekk iridu jissusistu it-tlieta li huma flimkien. Zgur li fil-fehma tal-Qorti ma hemmx *raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga* kif kontemplat fis-sub inciz ( c) tas-sub inciz (2) tal-artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) mhumiex sodisfatti fl-intier taghhom, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur joggezzjona ghat-talba tal-appellant w semghet ukoll kull xhud li hija qiset li kien neċessarju, thoss li m'ghandhiex tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk ma hiex ser tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qeda tichad it-talba tal-appellant ghal Konversjoni fi Qorti ta' Droga.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur